A.L. 160 ta' l-2004

ATT TA' L-2002 DWAR IR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TA' KWALIFIKI (ATT NRU. XVIII ta' l-2002)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonal, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 271 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafu (b) tas-subregolament (5) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) xi attività professjonali li dwarha ma japplikax il-paragrafu (a) u li tiġi eżerċitata mill-membri ta' xi assoċjazzjoni jew organizzazzjoni msemmija fi Skeda 1 li l-għan tagħha jkun, b'mod partikolari, li tippromwovi u żżomm standard għoli fis-settur professjonali involut u li, sabiex jinkiseb dak l-għan, tkun rikonoxxuta minn Stat li jkollu Ftehim u -

(i) tagħti diploma lill-membri tagħha;

(ii) tiżgura li l-membri tagħha jkunu jisrrispettaw ir-regoli ta' mġieba professjonali li hija tordna; u

(iii) tikkonferilhom id-dritt li jużaw titlu jew ittri indikattivi jew li jibbenefikaw minn kull *status* li jkun jikkorrispondi għad-diploma."

Iżid ir-regolament 12A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament 12A ġdid li ġej:

"Applikabilità għal ċerti attivitajiet.

12A. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Tieni Skeda fir-rigward biss ta' l-eżerċizzju, bħala persuna impjegata, ta' l-attivitajiet koperti minn dawk id-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea."

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) is-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) li jixhdu għall-edukazzjoni u t-taħriġ regolati msemmija fi Skeda 3; u"; u

(b) is-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) xi wieħed mill-korsijiet ta' edukazzjoni u taħriġ imsemmija fi Skeda 4; u".

Iżid Skedi 1 sa 4 ġodda mar-regolamenti prinċipali.

5. Għandhom ikunu miżjuda mar-regolamenti prinċipali l-Iskedi 1 sa 4 annessi ma' dawn ir-regolamenti.

SKEDA 1

Lista ta' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet professjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-sub-regolament (5) tar-regolament 9

L-IRLANDA (**)

1. *The Institute of Chartered Accountants in Ireland (*)*

2. The Institute of Certified Public Accountants in Ireland (*)

3. The Association of Certified Accountants (*)

4. Institution of Engineers of Ireland

5. Irish Planning Institute

IR-RENJU UNIT

1. *Institute of Chartered Accountants in England and Wales*

2. Institute of Chartered Accountants of Scotland

** Ċittadini Irlandiżi huma wkoll membri ta' l-assocjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet tar-Renju Unit li ġejjin:

Institute of Chartered Accountants in England and Wales
Institute of Chartered Accountants of Scotland
Institute of Actuaries
Faculty of Actuaries
The Chartered Institute of Management Accountants
Institute of Chartered Secretaries and Administrators
Royal Town Planning Institute
Royal Institution of Chartered Surveyors
Chartered Institute of Building.

(*) Għall-għanijiet ta' l-attività tal-verifika biss.

3. Institute of Chartered Accountants in Ireland

4. Chartered Association of Certified Accountants

5. Chartered Institute of Loss Adjusters

6. Chartered Institute of Management Accountants

7. Institute of Chartered Secretaries and Administrators

8. Chartered Insurance Institute

9. Institute of Actuaries

10. Faculty of Actuaries

11. Chartered Institute of Bankers

12. Institute of Bankers in Scotland

13. Royal Institution of Chartered Surveyors

14. Royal Town Planning Institute

15. Chartered Society of Physiotherapy

16. Royal Society of Chemistry

17. British Psychological Society

18. Library Association

19. Institute of Chartered Foresters

20. Chartered Institute of Building

21. Engineering Council

22. Institute of Energy

23. Institution of Structural Engineers

24. Institution of Civil Engineers

25. Institution of Mining Engineers

26. Institution of Mining and Metallurgy

27. Institution of Electrical Engineers

28. Institution of Gas Engineers

29. Institution of Mechanical Engineers

30. Institution of Chemical Engineers

31. Institute of Production Engineers

32. Institution of Marine Engineers

33. Royal Institution of Naval Architects

34. Royal Aeronautical Society

35. Institute of Metals

36. Chartered Institution of Building Services Engineers

37. Institute of Measurement and Control

38. British Computer Society

SKEDA 2

Lista ta' Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea msemmija fir-Regolament 12A

1. 64/429/*EWG* Id-Direttiva tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 1964, li tirrigwarda l-kisba tal-libertà ta' l-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom fl-industriji tal-fabbrikazzjoni u ta' l-ipproċessar li jaqgħu taħt l-Industrija u l-industriji ż-żgħar ta' l-artiġjanat

64/427/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 1964, li tistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw miżuri transitorji fir-rigward ta' persuni li jaħdmu għal rashom fl-industriji tal-fabbrikazzjoni u ta' l-ipproċessar li jaqgħu taħt l-Industrija u l-industriji ż-żgħar ta' l-artiġjanat

2. 68/365/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968, li tirrigwarda l-kisba tal-libertà ta' l-stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom fl-industriji tal-fabbrikazzjoni ta' l-ikel u tax-xorb

68/366/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968, li tistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-miżuri transitorji fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom fl-industriji tal-fabbrikazzjoni ta' l-ikel u tax-xorb

3. 64/223/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 1964 li tirrigwarda l-kisba tal-libertà ta' l-stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' attivitajiet fil-kummerċ bl-ingrossa

64/224/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 1964 li tikkonċerna l-kisba tal-libertà ta' l-stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' attivitajiet ta' intermedjarji fil-kummerċ, fl-industrija u fl-industriji żgħar ta' l-artiġjanat

64/222/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 1964 li tistabbilixxi d-disposizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-miżuri transitorji fir-rigward ta' l-attivitajiet fil-kummerċ bl-ingrossa u l-attivitajiet ta' intermedjarji fil-kummerċ, l-industrija u l-industriji ż-żgħar ta' l-artiġjanat

4. 68/363/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 li tirrigwarda l-kisba tal-libertà ta' l-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' l-attivitajiet tal-persuni li jaħdmu għal rashom fil-kummerċ bl-imnut

68/364/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 li tistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-miżuri transitorji fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom fil-kummerċ bl-imnut

5. 70/522/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda l-kisba tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom fil-kummerċ bl-ingrossa tal-faħam u l-attivitajiet ta' intermedjarji fil-kummerċ tal-faħam

70/523/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1970 li tistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw miżuri transitorji fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' intermedjarji fil-kummerċ tal-faħam

6. 74/557/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-4 ta' Ġunju 1974 dwar il-kisba tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom u ta' intermedjarji mdaħħla fil-kummerċ u d-distribuzzjoni ta' prodotti tossiċi

7. 68/367/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 li tirrigwarda l-kisba tal-libertà ta' l-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta’ attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom fis-settur tas-servizzi personali: 1. ir-ristoranti, il-kafejiet, it-taverni u postijiet oħrajn tax-xorb u ta’ l-ikel; 2 il-lukandi, id-djar li joffru kmamar, il-kampijiet u postijiet oħra ta’ alloġġ

68/368/KEE Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 li tistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati li jirrigwardaw miżuri transitorji fir-rigward ta’ l-attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom fis-settur tas-servizzi personali: 1. ir-ristoranti, il-kafejiet, it-taverni u postijiet oħrajn tax-xorb u ta’ l-ikel; 2. il-lukandi, id-djar li joffru kmamar, il-kampjiet u postijiet oħra ta’ alloġġ

SKEDA 3

Il-lista tal-korsijiet li għandhom struttura speċjali kif imsemmi fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tar-regolament 13

Fir-Renju Unit

Korsijiet regolati li jwasslu għal kwalifiċi akkreditati bħala Kwalifiċi Professjonali Nazzjonali (*NVQs*) mill-Kunsill Nazzjonali għall-Kwalifiċi Professjonali jew fl-Iskozja akkreditati bħala Kwalifiċi Professjonali Skoċċiżi, fil-livelli 3 u 4 tal-Qafas Nazzjonali tar-Renju Unit tal-Kwalifiċi Professjonali.

Dawn il-livelli huma definiti kif ġej:-

Il-Livell 3: kompetenza f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' xogħol varjat imwettqa f'varjetà wiesgħa ta' kuntesti u li l-biċċa l-kbira minnhom huma kumplessi u mhux ta' rutina. Teżisti responsabbilità konsiderevoli u awtonomija, u kontroll jew gwida ta' l-oħrajn huma ħafna drabi meħtieġa.

Il-Livell 4: kompetenza f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet kumplessi, tekniċi jew professjonali mwettqa f'varjetà wiesgħa ta' kuntesti u bi grad sostanzjali ta' responsabbiltà u awtonomija personali. Spiss ikunu preżenti r-responsabbilità għax-xogħol ta' oħrajn u l-allokazzjoni tar-riżorsi.

fil-Ġermanja:

Is-segwenti korsijiet irregolati:

Korsijiet irregolati ta' preparazzjoni għas-segwiment tal-professjonijiet ta' assistent tekniku ("technische(r) Assistent(in)"), assistent kummerċjali ("kaufmaennische(r) Assistent(in)"), professjonijiet soċjali ("soziale Berufe") u l-professjoni ta' għalliem tar-respirazzjoni u l-elokuzzjoni ċċertifikat mill-Istat ("staatlich gepruefte(r) Atem-, Sprech- und Stimmlehrer(in)"), ta' tul totali ta' mill-inqas 13-il sena, li jeħtieġu t-tmiem b' suċċess tal-kors sekondarju ta' l-edukazzjoni ("mittlerer Bildungsabschluss") u li fihom:

i.mill-inqas tliet snin[1] ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li jwasslu għal eżami u, fejn applikabbli, miżjuda b' kors ta' sena jew sentejn ta' speċjalizzazzjoni li wkoll iwassal għal eżami.

ii. jew mill-inqas sentejn u nofs fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li jwasslu għal eżami u miżjuda bl-esperjanza fuq ix-xogħol li jdum mhux anqas minn sitt xhur jew kors ta' taħriġ ta' mhux anqas minn sitt xhur fi stabbiliment approvat.

iii. jew mill-inqas sentejn fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li jwasslu għal eżami u miżjuda bl-esperjenza fuq ix-xogħol li jdum mhux anqas minn sena jew kors ta' taħriġ ta' mhux anqas minn sena fi stabbiliment approvat.

Korsijiet irregolati għall-professjonijiet ta' ("staatlich gepruefte(r)") tekniku ("Techniker(in)"), ekonomista kummerċjali ("Betriebswirt(in)"), disinjatur ("Gestalter(in)") u assistent tal-

[1] It-tul minimu jista' jitnaqqas minn tliet snin għal sentejn jekk il-persuna kkonċernata għandha l-kwalifiki meħtieġa sabiex tidħol fl-universita' ("Abitur"), i.e. 13-il sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti, jew il-kwalifika meħtieġa sabiex wieħed jidħol f' 'Fachhochschule' ('Fachhochschulreife'), i.e. 12-il sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti.

familja ("Familienpfleger(in)") ċċertifikati mill-Istat, ta' tul totali ta' mhux anqas minn 16 il-sena, li bħala prerekwiżit għalihom huwa t-tkomplija b'suċċess ta' skola obbligatorja jew edukazzjoni u taħriġ ekwivalenti (ta' tul ta' mhux anqas minn disa' snin) u t-tkomplija b' suċċess ta' kors fi skola tas-snajja ("Berufsschule") (ta' tul ta' mhux anqas minn tliet snin) u li jkun fihom, mat-tmiem mill-inqas sentejn ta' esperjenza ta' xogħol, bl-edukazzjoni u t-taħriġ *full-time* li ma jdumux anqas minn sentejn jew edukazzjoni u taħriġ *part-time* ta' tul ekwivalenti.

Korsijiet irregolati u taħriġ irregolat fis-servizz, ta' tul ta' mhux anqas minn 15-il sena, li prerekwiżit għalih ikun, ġeneralment, it-tkomplija b'suċċess ta' l-iskola obbligatorja (ta' tul ta' mhux anqas minn disa' snin) u ta' taħriġ vokazzjonali (normalment tliet snin) u li ġeneralment ikun fih mill-inqas sentejn ta' esperjenza ta' xogħol (tliet snin fil-maġġoranza tal-każijiet) u eżami bħala parti mit-taħriġ fis-servizz, li l-preparazzjoni għalih ġeneralment tinvolvi kors ta' taħriġ li jew ikun għaddej fl-istess żmien ma' l-esperjenza tax-xogħol (mill-inqas 1 000 siegħa) jew l-attendenza għalih fuq bażi *full-time* (mill-inqas sena).

fl-Olanda:

Korsijiet ta' taħriġ irregolati ta' tul totali ta' mhux anqas minn 15-il sena, li l-prerekwiżit tagħhom huwa t-tkomplija b' suċċess ta' tmien snin ta' edukazzjoni primarja flimkien ma' erba' snin ta' jew edukazzjoni sekondarja generali intermedjarja ("MAVO") jew Edukazzjoni Vokazzjonali Preparatorja ("VBO") jew edukazzjoni sekondarja ġenerali ta' livell ogħla, u li jeħtieġu t-tkomplija ta' kors ta' tliet snin jew erba' snin f'kulleġġ għat-taħriġ vokazzjonali intermedjarju ("MBO"), li jwasslu għal eżami.

Korsijiet ta' taħriġ irregolati ta' tul totali ta' mhux anqas minn 16-il sena, li l-prerekwiżit tagħhom hija t-tkomplija b' suċċess ta' tmien snin ta' edukazzjoni primarja flimkien ma' erba' snin mill-anqas ta' edukazzjoni vokazzjonali preparatorja ("VBO") jew livell ogħla ta' edukazzjoni sekondarja ġenerali, u li jeħtieġu t-tkomplija ta' mill-anqas erba' snin ta' taħriġ vokazzjonali fis-sistema ta' l-apprentistat, li jkun fihom mill-anqas ġurnata waħda kull ġimgħa ta' struzzjoni teoretika f'kulleġġ, u fil-ġranet l-oħra, taħriġ prattiku f'ċentru jew f'kumpannija, u li jwasslu għal eżami ta' livell sekondarju jew terzjarju.

fl-Awstrija:

Korsijiet fi skejjel vokazzjonali ogħla ("Berufsbildende Hoehere Schulen") u stabbilimenti għall-edukazzjoni ogħla fl-agrikoltura u l-imsaġar ("Hoehere Land-und Forstwirtschaftliche Lehranstalten"), inklużi it-tipi speċjali ("einschliesslich der Sonderformen"), li l-istruttura u l-livell tagħhom huma stabbiliti b'liġijiet, b'regolamenti u b' disposizzjonijiet amministrattivi.

Dawn il-korsjijiet għandhom tul totali ta' mhux anqas minn 13-il sena u fihom ħames snin ta' taħriġ vokazzjonali, li jwasslu għal eżami finali, li jekk wieħed jgħaddi minnu jkollu prova tal-kompetenza professjonali.

Korsijiet fi skejjel ta' l-imgħallma (master schools) ("Meisterschulen"), klassijiet ta' l-imgħallma ("Meisterklassen"), skejjel ta' l-imgħallma industrijali ("Werkmeisterschulen") jew skejjel tannies tas-sengħa tal-bini ("Bauhandwerkerschulen"), li l-istruttura u l-livell tagħhom huma stabbiliti b'liġijiet, b' regolamenti jew b' disposizzjonijiet amministrattivi.

Dawn il-korsijiet għandhom tul totali ta' mhux anqas minn 13-il sena, li fihom disa' snin ta' edukazzjoni obligatorja, segwiti minn jew mill-anqas tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata jew mill-anqas tliet snin ta' taħriġ f'kumpannija jew b'mod paralleli fi skola ta' taħriġ vokazzjonali ("Berufsschule"), li t-tnejn li huma jwasslu għal eżami, u li huma miżjuda bit-tkomplija b'suċċess ta' kors ta' taħriġ ta' mill-anqas sena fi skola ta' l-imgħallma ("Meisterschule"), klassijiet ta' l-imgħallma ("Meisterklassen"), skola ta' l-imgħallma

industrijali ("Werkmeisterschule") jew skola tan-nies tas-sengħa tal-bini ("Bauhandwerkerschule"). Fil-maġġoranza tal-każijiet it-tul totali huwa ta' mill-anqas 15-il sena, li jkun fihom perjodi ta' esperjenza tax-xogħol, li jew ikunu qabel il-korsijiet ta' taħriġ f'dawn l-istabbilimenti jew ikunu akkompanjati minn korsijiet *part-time* (mill-anqas 960 siegħa).

fil-Litwanja:

Korsijiet regolati li jwasslu għal kwalifiki ta' Livell 3 u 4 akkreditati bħala kwalifiki vokazzjonali nazzjonali fir-Repubblika tal-Litwanja. Dawn il-livelli huma definiti kif ġej:

Il-Livell 3: Kompetenza f'attivitajiet tax-xogħol komplikati magħmula fi sferi li jeħtieġu deċiżjonijiet ta' responsabbilta` suffiċjenti u indipendenti. Tkun inkisbet l-kapaċità li wieħed jorganizza u jmexxi l-attività ta' grupp. Id-"Diploma għall-ħaddiema kwalifikati" ("Profesinio mokymo diplomas") tingħata mat-tlestija ta' l-edukazzjoni u ta' taħriġ li jdumu tliet snin;

Il-Livell 4: Kompetenza f'attivitajiet tax-xogħol ikkomplikati magħmula fi sferi li jeħtieġu responsabbiltà , indipendenza, għarfien sod u abbilitajiet speċifiċi. Tkun inkisbet l-kapaċità li wieħed jorganizza u jmexxi l-attività ta' grupp. Id-"Diploma avvanzata għall-edukazzjoni" ("Aukštesniojomokslo diplomas" tingħata mat-tlestija ta' l-edukazzjoni u ta' taħriġ li jdumu bejn tlieta-erba' snin.

SKEDA 4

Lista ta' korsijiet li għandhom struttura speċjali kif hemm referenza dwarha fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (5) tar-regolament 13

1. Korsijiet ta' taħriġ paramediku u tal-kura tat-tfal

Taħriġ għas-segwenti:

Fir-Repubblika Ċeka:

taħriġ għal:

assistent għall-kura tas-saħħa ("Zdravotnícky asistent"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 13-il sena, li jinkludu mill-anqas 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fi skola sekondarja medika, li tispiċċa bl-eżami "maturitní zkouška".

assistent tan-nutriment ("Nutriční asistent"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 13-il sena, li jinkludu mill-anqas 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fi skola sekondarja medika, li tispiċċa bl-eżami "maturitní zkouška".

fiżjoterapista ("Fyzioterapeut"), assistent għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika ("Asistent ochrany veřejného zdraví"), *technician* tal-laboratorju mediku ("Zdravotní laborant"), assistent tar-radjologija ("Radiologický asistent"), *dental technician* ("Zubní technik"), *pharmacy laboratory technician* ("Farmaceutický asistent"), *orthotic and prosthetic technician* ("Ortoticko-– protetický technik"), infermiera pedjatra ("Dětská sestra"), terapista tan-nutriment ("Nutriční terapeut");

fil-Ġermanja:

infermiera pedjatrika ("Kinderkrankenschwester/Kinderkrankenpfleger")

fiżjoterapista ("Krankengymnast(in)/Physiotherapeut(in)")

terapista tax-xogħol/ ergoterapista ("Beschaeftigungs-und Arbeitstherapeut/ergotherapeut")

speech therapist ("Logopaede/Logopaedin")

ortopista ("Orthoptist(in)")

ħaddiem għall-kura tat-tfal rikonoxxut mill-Istat ("Staatlich anerkannte(r) Erzieher(in)")

għalliem rimedjarju rikonoxxut mill-Istat ("Staatlich anerkannte(r) Heilpaedagoge(-in)")

tekniku tal-laboratorju mediku ("medizinisch-technische(r) Laboratoriums-Assistent(in)")

tekniku tar-raġġi-X mediċinali ("medizinisch-technische(r) Radiologie-Assistent(in)")

tekniku tad-dijanjosi medika funzjonali ("medizinisch-technische(r) Assistent(in) fuer Funktionsdiagnostik")

tekniku veterinarju ("veterinaermedizinisch-technische(r) Assistent(in)")

dietista ("Diaetassistent(in)")

tekniku tal-farmaċija ("Pharmazieingenieur") irċevut qabel il-31 ta' Marzu 1994 f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Germanja jew fit-territorju tal-*Laender* il-ġdid

infermiera psikjatrika ("Psychiatrische(r) Krankenschwester/Krankenpfleger")

speech therapist ("Sprachtherapeut(in)")

fl-Italja:

tekniku dentali ("odontotecnico")

ottiku ("ottico")

f'Ċipru:

taħriġ għal:

dental technician ("οδοντοτεχνίτης"),li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 14-il sena, li jinkludu mill-inqas 6 snin ta' edukazzjoni elementari, 6 snin ta' edukazzjoni sekondarja u sentejn ta' edukazzjoni post-sekondarja vokazzjonali, segwita b'sena ta' esperjenza professjonali.

ottiku ("τεχνικός οπτικός"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 14-il sena, li jinkludu mill-inqas 6 snin ta' edukazzjoni elementari, 6 snin ta' edukazzjoni sekondarja u sentejn ta' edukazzjoni post-sekondarja, segwita b'sena ta' esperjenza professjonali.

fil-Latvja:

taħriġ għal:

dental nurse ("zobārstniecības māsa"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 13-il sena, li jinkludu mill-inqas 10 snin ta' edukazzjoni ġenerali fi skola u sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita bi 3 snin ta' esperjenza professjonali li fl-aħħar tagħha wieħed għandu jgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex jieħu ċertifikat fl-ispeċjalità.

assistent tal-laboratorju biomediku ("biomedicīnas laborants"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu mill-inqas 10 snin ta' edukazzjoni ġenerali fi skola u sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita b'sentejn ta' esperjenza professjonali li fl-aħħar tagħha wieħed għandu jgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex jieħu ċertifikat fl-ispeċjalità.

dental technician ("zobu tehniķis"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu mill-inqas 10 snin ta' edukazzjoni ġenerali fi skola u sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita b'sentejn ta' esperjenza professjonali li fl-aħħar tagħha wieħed għandu jgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex jieħu ċertifikat fl-ispeċjalità.

assistent tal-fiżjoterapista ("fizioterapeita asistents"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 13-il sena, li jinkludu mill-inqas 10 snin ta' edukazzjoni ġenerali fi skola u 3 snin ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita b'sentejn ta' esperjenza professjonali li fl-aħħar tagħha wieħed għandu jgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex jieħu ċertifikat fl-ispeċjalità.

fil-Lussemburgu:

tekniku tar-raġġi-X mediċinali ("assistant(e) technique médical(e) en radiologie")

tekniku tal-laboratorju kimiku ("assistant(e) technique médical(e) de laboratoire")

infermiera psikjatrika (infirmier/ière psychiatrique)

tekniku mediku - operazzjonijiet ("assistant(e) technique médical(e) en chirurgie")

infermiera pedjatrika ("infirmier/ière puériculteur/trice")

infermiera - anestetista ("infirmier/ière anesthésiste")

wieħed/waħda kwalifikat/a li t/jagħmel il-massaġġi ("masseur/euse diplômé(e)")

ħaddiem għal kura tat-tfal ("éducateur/trice")

fl-Olanda:

assistent veterinarju ("dierenartassistent")

li jirrapreżentaw korsijiet ta' edukazzjoni u taħriġ ta' tul totali ta' mill-anqas tlettax-il sena, li jkun fihom:

(i) jew mill-anqas tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jwasslu għal eżami, f'xi każijiet miżjuda b' kors ta' sena jew sentejn ta' speċjalizzazzjoni li jwassal għal eżami

(ii) jew mill-anqas sentejn u nofs ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jwasslu għal eżami u miżjuda bl-esperjenza fuq ix-xogħol ta' mhux anqas minn sitt xhur jew kors ta' taħriġ ta' mhux anqas minn sitt xhur fi stabbiliment approvat

(iii) jew mill-anqas sentejn ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jwasslu għal eżami u miżjuda bl-esperjenza fuq ix-xogħol ta' mhux anqas minn sena jew kors ta' taħriġ ta' mhux anqas minn sena fi stabbiliment approvat

(iv) jew fil-każ ta' assistent veterinarju ("dierenartassisten") fl-Olanda tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata (skema-"MBO") jew alternattivament tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali fis-sistema ta' l-apprentistat doppju ("LLW"), li t-tnejn li huma jwasslu għal eżami.

fl-Awstrija:

taħriġ ghal:

ottiku tal-lenti tal-kuntatt ("Kontaktlinsenoptiker")

pedikurista ("Fusspfleger")

tekniku ta' l-għajnuna għas-smiegħ ("Hoergeraeteakustiker")

bejjiegħ tal-mediċini ("Drogist")

li jirrappreżentaw korsijiet ta' edukazzjoni u taħriġ ta' tul totali ta' mill-anqas erbatax-il sena, inklużi ħames snin ta' taħriġ segwiti f'qafas ta' taħriġ stutturat, imqassma f'apprentistat ta' mill-anqas tliet snin tul, li jkun fih taħriġ parzjalment akwistat fuq il-post tax-xogħol u parzjalment ipprovdut minn stabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali, u perjodu ta' prattika professjonali u taħriġ, li jwasslu għal eżami professjonali li jagħti d-dritt ta' l-eżerċitar tal-professjoni u li wieħed iħarreġ lill-apprentisti.

wieħed/waħda li t/jagħmel il-massaġġi ("Masseur")

li jirrappreżenta korsijiet ta' edukazzjoni u taħriġ ta' tul totali ta' mill-anqas erbatax-il sena, inklużi ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ stutturat, li jkun jkun fihom apprentistat ta' tul ta' sentejn, perjodu ta' prattika professjonali u taħriġ ta' sentejn u kors ta' taħriġ ta' sena li jwassal għal eżami professjonali li jagħti d-drittijiet ta' l-eżerċitar tal-professjoni u li wieħed iħarreġ lill-apprentisti.

ħaddiem tal-kindergarten ("Kindergaertner/in") ħaddiem tal-kura tat-tfal ("Erzieher")

li jirrappreżenta korsijiet ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' tul totali ta' tlettax-il sena, inklużi ħames snin ta' taħriġ professjonali fi skola speċjalizzata, li jwasslu għal eżami.

fis-Slovakkja:

taħriġ għal:

għalliem fil-qasam taż-żfin fi skejjel bażiċi ta' l-arti ("učiteľ v tanečnom odbore na základných umeleckých školách")

li jirrappreżenta edukazzjoni li ddum għal mill-inqas 14-il sena u nofs, li jinkludu 8 snin ta' edukazzjoni bażika, 4 snin ta' edukazzjoni fi skola sekondarja speċjalizzata u kors ta' ħames semestri tal-pedagoġija taż-żfin.

għalliem f'faċilitajiet ta' edukazzjoni speċjali u f'faċilitajiet ta' servizz soċjali ("vychovávateľ v špeciálnych výchovných zariadeniach a v zariadeniach sociálnych služieb")

li jirrappreżenta edukazzjoni li ddum għal mill-inqas 14-il sena, li jinkludu 8/9 snin ta' edukazzjoni bażika, 4 snin ta' edukazzjoni fi skola pedagoloġika sekondarja jew fi skola sekondarja oħra u studju pedagoloġiku supplementari *part-time* ta' sentejn.

għalliem taż-żfin fl-iskejjel bażiċi ta' l-arti ("učiteľ tanca na základných umeleckých školách"), assistent ta' l-iġjene u ta' l-epidemjoloġija ("asistent hygienickej služby/asistent hygieny a epidemiológie"), *worker*/assistent tar-rijabilitazzjoni ("rehabilitačný pracovník"/"rehabilitačný asistent"), *technician* ortopediku ("ortopedický technik"), *dental technician* ("zubný laborant"/"zubný technik"), assistent tan-nutriment ("diétna sestra"/"asistent výživy"), assistent tal-kura tas-saħħa ("zdravotnícky asistent"), *masseur* ("masér"), *technician* tal-laboratorju mediku ("zdravotnícky laborant"), *pharmacy laboratory technician* ("farmaceutický laborant").

2. Is-settur ta' l-imgħallem tas-sengħa (''Mester/Meister/Maître'')

Taħriġ għas-segwenti:

Fil-Polonja:

taħriġ għal:

għalliem għat-taħriġ vokazzjonali prattiku ("Nauczyciel praktycznej nauki zawodu"),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' tul ta':

jew, 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 5 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali jew edukazzjoni sekondarja ekwivalenti segwit bil-kors fil-pedagoġija li mill-inqas iddum għal 150 siegħa, il-kors dwar is-sigurta' fix-xogħol u l-iġjena fix-xogħol, u sentejn ta' esperjenza professjonali fil-professjoni li ser tgħallem il-persuna;

jew, 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 5 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali u diploma tal-gradwazzjoni minn skola post-sekondarja teknika pedagoġika;

jew, 8 snin ta’ edukazzjoni elementari u 2-3 snin ta’ edukazzjoni sekondarja vokazzjonali bażika u mill-inqas 3 snin ta’ esperjenza professjonali ċċertifikata bi grad ta’ maġisteru fil-professjoni partikolari segwita minn kors fil-pedagoġija li mill-inqas iddum għal 150 siegħa.

fis-Slovakkja:

taħriġ għal:

maġisteru fl-edukazzjoni vokazzjonali ("majster odbornej výchovy"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu 8 snin ta’ edukazzjoni bażika, 4 snin ta’ edukazzjoni vokazzjonali (edukazzjoni sekondarja vokazzjonali kompleta u/jew apprentistat fil-kors rilevanti (simili) ta’ taħriġ vokazzjonali jew ta’ apprentistat), esperjenza professjonali li mill-inqas iddum għal 3 snin fil-qasam ta’ l-edukazzjoni jew l-apprentistat komplut tal-persuna u studju addizzjonali tal-pedagoġija fil-fakultà tal-pedagoġija jew f’universtajiet tekniċi, jew edukazzjoni sekondarja jew apprentistat komplut fil-kors rilevanti (simili) ta’ taħriġ vokazzjonali jew ta’ apprentistat, esperjenza professjonali li mill-inqas iddum għal 3 snin fil-qasam ta’ l-edukazzjoni u l-apprentistat komplut tal-persuna, u studju addizzjonali tal-pedagoġija fil-fakultà tal-pedagoġija, jew sa l-1 ta’ Settembru 2005 edukazzjoni speċjalizzata fil-qasam tal-pedagoġija speċjalizzata li jipprovdu ċ-ċentri tal-metodoloġija għall-maġisteri fl-edukazzjoni vokazzjonali fl-iskejjel mingħajr studju pedagoġiku supplementari.

fid-Danimarka:

ottiku ("optometrist")

dan il-kors huwa ta' tul totali ta' 14-il sena, inklużi l-ħames snin ta' taħriġ vokazzjonali mqassma f'sentejn u nofs ta' taħriġ teoretiku pprovduti mill-istabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali u sentejn u nofs taħriġ prattiku miksub fuq il-post tax-xogħol, u li jwassal għal eżami rikonoxxut fir-rigward ta' dik is-sengħa u li jagħti d-dritt ta' l-użu tat-titolu ta' "Mester".

tekniku ortopediku ("ortopaedimekaniker")

dan il-kors huwa ta' tul totali ta' 12-il sena u nofs, inklużi t-tliet snin u nofs ta' taħriġ vokazzjonali mqassma f'sitt xhur ta' taħriġ teoretiku pprovduti mill-istabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali u tliet snin ta' taħriġ prattiku miksub fuq il-post tax-xogħol, u li jwassal għal eżami rikonoxxut fir-rigward ta' dik is-sengħa u li jagħti d-dritt ta' l-użu tat-titolu ta' "Mester".

skarpan ta' l-istivali u ż-żraben ortopediċi ("orthopaediskomager")

dan il-kors huwa ta' tul totali ta' 13-il sena u nofs, inklużi l-erba’ snin u nofs ta' taħriġ vokazzjonali mqassma f'sentejn taħriġ teoretiku pprovduti mill-istabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali u sentejn u nofs taħriġ prattiku miksub fuq il-post tax-xogħol, u li jwassal għal eżami rikonoxxut fir-rigward ta' dik is-sengħa u li jagħti d-dritt ta' l-użu tat-titolu ta' "Mester".

fil-Ġermanja:

ottiku ("Augenoptiker")

tekniku dentali ("Zahntechniker")

manifattur ta' l-irfid għall-operazzjonijiet ("Bandagist")

manifattur tal-*hearing-aids* ("Hoergeraeteakustiker")

tekniku ortopediku ("Orthopaediemechaniker")

skarpan ta' l-istivali ortopediċi ("Orthopaedieschuhmacher")

fil-Lussemburgu:

bejjiegħ ottiku ("opticien")

tekniku dentali ("mécanicien dentaire")

manifattur tal-*hearing-aids* ("audioprothésiste")

tekniku ortopediku/manifattur ta' l-irfid għall-operazzjonijiet ("mécanicien orthopédiste/bandagiste")

skarpan ta' l-istivali ortopediċi ("orthopédiste-cordonnier")

dawn il-korsijiet huma ta' tul totali ta' 14-il sena, inklużi mill-anqas ħames snin ta' taħriġ segwiti ġewwa struttura ta' taħriġ strutturata, parzjalment miksuba fuq il-post tax-xogħol u l-parti l-oħra miksuba mill-istabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali, u li jwassal għal eżami li minnu wieħed irid jgħaddi sabiex jipprattika kull attività meqjusa bħala tas-sengħa/ta' ħila jew independentement jew bħala mpjegat b'livell ta' responsabilita komparabbli.

fl-Awstrija:

manifattur ta' l-irfid għall-operazzjonijiet ("Bandagist")

manifattur tal-kriepet ("Miederwarenerzeuger")

ottiku ("Optiker")

skarpan taż-żraben ortopediċi ("Orthopaedieschuhmacher")

tekniku ortopediku ("Orthopaedietechniker")

tekniku dentali ("Zahntechniker")

ortolan (ġardinar) ("Gaertner")

li jirrappreżentaw edukazzjoni u taħriġ ta' tul totali ta' mill-anqas erbatax-il sena, inklużi ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ stutturat, imqassma f'apprentistat ta' mill-anqas tliet snin tul, li jkun fih taħriġ parzjalment akwistat fuq il-post tax-xogħol u parzjalment pprovdut minn stabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali, u perjodu ta' prattika professjonali u taħriġ ta' mill-anqas sentejn li jwasslu għal eżami professjonali li jagħti d-drittijiet ta' l-eżerċitar tal-professjoni, li wieħed iħarreġ lill-apprentisti u li juża t-titolu "Meister".

it-taħriġ għall-imgħallmin tas-sengħa fil-qasam ta' l-agrikoltura u l-imsaġar, bażikament:

imgħallem fl-agrikoltura ("Meister in der Landwirtschaft")

imgħallem fl-ekonomija rurali ("Meister in der laendlichen Hauswirtschaft")

imgħallem fl-ortikultura ("Meister im Gartenbau")

imgħallem fil-ġardinaġġ tas-suq ("Meister im Feldgemuesebau")

imgħallem fil-pomoloġija u l-iproċessar tal-frott ("Meister im Obstbau und in der Obstverwertung")

imgħallem fil-vinikultura u l-produzzjoni ta' l-inbid ("Meister im Weinbau und in der Kellerwirtschaft")

imgħallem fil-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib ("Meister in der Molkerei- und Kaesereiwirtschaft")

imgħallem fil-kura taż-żwiemel ("Meister in der Pferdewirtschaft")

imgħallem fis-sajd ("Meister in der Fischereiwirtschaft")

imgħallem fit-trobbija tat-tjur ("Meister in der Gefluegelwirtschaft")

imgħallem fl-apikultura ("Meister in der Bienenwirtschaft")

imgħallem fl-imsaġar ("Meister in der Forstwirtschaft")

imgħallem fiż-żriegħ ta' l-imsaġar u t-tmexxija ta' l-imsaġar ("Meister in der Forstgarten- und Forstpflegewirtschaft")

imgħallem fiż-żamm ta' l-imħażen agrikoli ("Meister in der landwirtschaftlichen Lagerhaltung")

li jirrappreżentaw edukazzjoni u taħriġ ta' tul totali ta' mill-anqas ħmistax-il sena, inklużi mill-anqas sitt snin ta' taħriġ segwiti f'qafas ta' taħriġ stutturat, imqassma f'apprentistat ta' mill-anqas tliet snin tul, li jkun fih taħriġ parzjalment akwistat fuq il-post tax-xogħol u parzjalment ipprovdut minn stabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali, u perjodu ta' tliet snin ta' prattika professjonali u taħriġ li jwasslu għal eżami professjonali fir-rigward tal-professjoni li jagħti d-drittijiet li wieħed iħarreġ lill-apprentisti u li juża t-titolu "Meister".

3. Settur tat-tbaħħir fuq il-baħar

(a) trasport

Taħriġ għas-segwenti:

Fir-Repubblika Ċeka:

taħriġ għal:

uffiċjal tal-gverta ("Palubní asistent")

uffiċjal responsabbli min-*navigational watch* ("Námořní poručík")

chief mate ("První palubní důstojník")

kaptan ("Kapitán")

engine-assistant ("Strojní asistent")

uffiċjal responsabbli mill-*engineering watch* ("Strojní důstojník")

second engineer officer ("Druhý strojní důstojník")

chief engineer officer ("První strojní důstojník")

elettriċista ("Elektrotechnik")

chief electric officer ("Elektrodůstojník")

fid-Danimarka:

kaptan tal-vapur ("skibsfoerer")

l-uffiċjal ewlieni ("overstyrmand")

quartermaster, uffiċjal tal-gverta ("enestyrmand, vagthavende styrmand")

uffiċjal tal-gverta ("vagthavende styrmand")

inġinier ("maskinchef")

l-inġinier ewlieni ("l. maskinmester")

l-inġinier ewlieni/inġinier tar-ronda ("l. maskinmester/vagthavende maskinmester")

fil-Ġermanja:

kaptan, bastiment kbir ta' mal-kosta ("Kapitaen AM")

kaptan, bastiment ta' mal-kosta ("Kapitaen AK")

uffiċjal tal-gverta, bastiment kbir ta' mal-kosta ("Nautischer Schiffsoffizier AMW")

uffiċjal tal-gverta, bastiment ta' mal-kosta ("Nautischer Schiffsoffizier AKW")

kap inġinier, grad Ċ ("Schiffsbetriebstechniker CT - Leiter von Maschinenanlagen")

il-mekkaniku tal-vapur, grad Ċ ("Schiffsmaschinist CMa -Leiter von Maschinenanlagen")

l-inġinier tal-vapur, grad Ċ ("Schiffsbetriebstechniker CTW")

il-mekkaniku tal-vapur, grad Ċ - uffiċjal waħdieni ta' nġinerija ("Schiffsmaschinist CMaW - Technischer Alleinoffizier").

fl-Italja:

uffiċjal tal-gverta ("ufficiale di coperta")

uffiċjal ta' l-inġinerija ("ufficiale di macchina")

fil-Latvja:

taħriġ għal:

electrical engineer officer fuq bastimenti ("kuģu elektromehāniķis")

operatur tal-makkinarju tar-refriġerazzjoni ("kuģa saldēšanas iekārtu mašīnists").

fl-Olanda:

l-uffiċjal ewlieni (bastiment ta' mal-kosta) (b'taħriġ addizzjonali) ("stuurman kleine handelsvaart (met aanvulling)")

inġinier ta' bastiment li jbaħħar mal-kosta (bid-diploma) ("diploma motordrijver")

uffiċjal VTS ("VTS-functionaris")

li jirrapreżenta taħriġ:

fir-Repubblika Ċeka:

għal uffiċjal tal-gverta ("Palubní asistent")

1. Persuna ta' l-età ta' mhux inqas minn 20 sena.

2. (a) L-akkademja marittima jew il-kulleġġ marittimu - id-dipartiment tan-navigazzjoni, fejn iż-żewġ korsijiet għandhom jispiċċaw bl-eżami ta' "maturitní zkouška", u servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux inqas minn sitt xhur fuq bastimenti matul l-istudji; jew

(b) Servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux inqas minn sentejn ta' gradazzjoni li jifforma parti minn għassa fin-navigazzjoni fil-livell ta' appoġġ fuq bastimenti, u t-tlestija ta' kors approvat li jilħaq l-*istandard* ta' kompetenza speċifikata f'sezzjoni A-II/1 ta' l-Kodi STCW (Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards tat-Taħriġ, ċ-Ċertifikazzjoni u l-Għassa tal-Baħħara) li jingħata minn akkademja marittima jew kulleġġ ta' Parti mill- Kunvenzjoni STCW, u li jgħaddi l-eżami quddiem Board ta' l-Eżamijiet rikonoxxut mill-MTC (Kumitat tat-Trasport Marittimu tar-Repubblika Ċeka).

għal uffiċjal responsabbli min-*navigational watch* ("Námořní poručík")

1. Servizz fuq il-baħar approvat fil-kapaċità ta' uffiċjal tal-gverta fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku gross jew iktar għal mhux inqas minn 6 xhur fil-każ ta' gradwat minn kulleġġ marittimu jew akkademja marittima, jew ta' sena fil-każ ta' gradwat minn kors approvat, inkluż mhux inqas minn sitt xhur fil-kapaċità ta' gradazzjoni li tifforma parti min-*navigational watch*.

2. Ktieb tar-Reġistru tat-Taħriġ Abbord, mimli kif suppost u endorsjat, għall-Kadetti tal-Gverta.

għal *chief mate* ("První palubní důstojník")

Ċertifikat tal-kompetenza ta' uffiċjal responsabbli min-*navigational watch* fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku gross jew iktar u mhux inqas minn tnax-il xahar ta' servizz fuq il-baħar approvat f'dik il-kapaċità.

għal kaptan ("Kapitán")

Ċertifikat tas-servizz bħala kaptan fuq il-bastimenti ta' bejn 500 u 3000 tunnellaġġ metriku gross. Ċertifikat tal-kompetenza bħala *chief mate* fuq bastimenti ta' 3000 tunnellaġġ metriku gross jew aktar u mhux inqas minn 6 xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat fil-kapaċità ta' *chief mate* fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku gross jew aktar u mhux inqas minn sitt xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat fil-kapaċità ta' *chief mate* fuq bastimenti ta' 3000 tunnellaġġ metriku gross jew aktar.

għal *engine-assistant* ("Strojní asistent")

1. Persuna ta' l-età ta' mhux inqas minn 20 sena.

2. L-akkademja marittima jew il-kulleġġ marittimu - id-dipartiment ta' l-inġinerija marittimu, u servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux inqas minn sitt xhur fuq bastimenti matul l-istudji.

għal uffiċjal responsabbli mill-*engineering watch* ("Strojní důstojník")

Servizz fuq il-baħar approvat fil-kapaċità ta' *engine assistant* ta' mhux inqas minn 6 xhur bħala gradwat minn kulleġġ marittimu jew akkademja marittima.

għal *second engineer officer* ("Druhý strojní důstojník")

Servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux inqas minn 12-il xahar fil-kapaċità ta' *3rd engineer officer* fuq bastimenti b'makkinarju ewlieni ta' propulsjoni ta' b'qawwa ta' 750kW jew iżjed.

għal *chief engineer officer* ("První strojní důstojník")

Ċertifikat xieraq tas-servizz bħala *second engineer officer* fuq bastimenti b'makkinarju ewlieni ta' propulsjoni ta' b'qawwa ta' 3000kW jew iżjed u li għandu mhux inqas minn 6 xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat f'dik il-kapaċità.

għal elettriċista ("Elektrotechnik")

1. Persuna ta' l-età ta' mhux inqas minn 18 sena.

2. Akkademja marittima jew oħra, fakultà ta' l-inġinerija elettrika, jew skola teknika jew kulleġġ ta' l-inġinerija elettroteknika, il-korsijiet kollha għandhom jitlestew bl-ezami "maturitní zkouška", u mhux inqas minn 12-il xahar ta' prattika approvata fil-qasam ta' l-inġinerija elettrika.

għal *chief electric officer* ("Elektrodůstojník")

1. Akkademja marittima jew kulleġġ marittimu, fakultà tal-inġinerija elettrika marittima jew akkademja oħra jew skola sekondarja fil-qasam ta' l-inġinerija elettrika, il-korsijiet kollha għandhom jitlestew mill-ezami "maturitní zkouška", jew b'eżami ta' l-Istat.

2. Servizz fuq il-baħar approvat fil-kapaċità ta' elettriċista għal perijodu ta' mhux inqas minn 12-il xhar fil-każ ta' gradwat ta' akkademja jew kulleġġ, jew 24-il xahar fil-każ ta' gradwat minn skola sekondarja.

fid-Danimarka:

ta' disa' snin ta' skola primarja segwita minn kors ta' taħriġ bażiku u/jew servizz fuq il-baħar ta' bejn 17 u 36 xahar, issupplementati minn:

(i) l-uffiċjali tal-gverta, sena ta' taħriġ vokazzjonali speċjalizzat

(ii) għall-oħrajn, tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali speċjalizzat.

fil-Ġermanja:

ta' tul totali ta' bejn 14 u 18-il sena, inkluż kors ta' tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali bażiku u sena ta' servizz fuq il-baħar, segwiti minn sena jew sentejn ta' taħriġ vokazzjonali speċjalizzat, isupplementat, fejn xieraq, b' sentejn esperjenza ta' xogħol fin-navigazzjoni.

fl-Italja:

ta' tul totali ta' 13-il sena, li minnhom mill-anqas ħames snin jikkonsistu minn taħriġ professjonali li jwassal għal eżami u li huma miżjuda, fejn xieraq, minn kors ta' taħriġ.

fil-Latvja:

għal *electrical engineer officer* fuq bastimenti ("kuģu elektromehāniķis")

1. Persuna ta' l-età ta' mhux inqas minn 18 sena.

2. Jirrappreżenta edukazzjoni ta’ tul ta’ mill-inqas 12-il sena u 6 xhur, li jinkludu mill-inqas 9 snin ta’ edukazzjoni elementari u mill-inqas 3 snin ta’ edukazzjoni vokazzjonali. Minbarra dan, huwa meħtieġ servizz fuq il-baħar ta’ mhux inqas minn 6 xhur bħala elettriċista ta’ bastiment jew bħala assistent lil inġinier elettriku fuq bastimenti b'qawwa tal-ġeneratur ta’ iżjed minn 750 kW. It-taħriġ vokazzjonali jitlesta permezz ta’ eżami speċjali mill-awtorità kompetenti skond il-programm tat-taħriġ kif approvat mill-Ministeru tat-Trasport;

għal operatur tal-makkinarju tar-refriġerazzjoni ("kuģa saldēšanas iekārtu mašīnists")

1. Persuna ta’ l-età ta’ mhux inqas minn 18 sena.

2. Jirrappreżenta edukazzjoni ta’ tul ta’ mill-inqas 13-il sena, li jinkludu mill-inqas 9 snin ta’ edukazzjoni elementari u mill-inqas 3 snin ta’ edukazzjoni vokazzjonali. Minbarra dan huwa meħtieġ servizz fuq il-baħar ta’ mhux inqas minn 12-il xahar bħala assistent għal inġinier tar-refriġerazzjoni. It-taħriġ vokazzjonali jitlesta permezz ta’ eżami speċjali mill-awtorità kompetenti skond il-programm tat-taħriġ kif approvat mill-Ministeru tat-Trasport.

fl-Olanda:

(i) għall-uffiċjal ewlieni (bastiment ta' mal-kosta) (b' taħriġ supplementari) ("stuurman kleine handelsvaart (metaanvulling)"), u inġinier ta' bastiment li jbaħħar mal-kosta (bid-diploma) ("diploma motordrijver"), li tinvolvi kors ta' 14-il sena, li mill-anqas sentejn minnhom iseħħu fi stabbiliment għat-taħriġ vokazzjonali speċjalizzat, isupplementati b' kors ta' taħriġ ta' tnax-il xahar

(ii) għall-uffiċjal-VTS ("VTS-functionaris"), ta' tul totali ta' mill-anqas 15-il sena, li fihom mill-anqas tliet snin ta' Edukazzjoni Vokazzjonali Għolja ('HBO') jew Taħriġ Vokazzjonali Intermedjarju ("MBO"), li jkunu segwiti minn korsijiet ta' speċjalizzazzjoni nazzjonali u reġjonali, li jkun fihom mill-anqas tnax-il ġimgħa ta' taħriġ teoretiku kull wieħed u li jwasslu għal eżami kull wieħed u li huma rikonoxxuti taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali STCW (Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-*Istandards* tat-Taħriġ, Ċertifikazzjoni u l-Għassa għall-Baħħara,1978).

b) Sajd fil-baħar

It-taħriġ għas-segwenti:

fil-Ġermanja:

kaptan, sajd fil-baħar fond ("Kapitaen BG/Fischerei")

kaptan, sajd mal-kosta ("Kapitaen BLK/Fischerei")

uffiċjal tal-gverta, bastiment għal baħar fond ("Nautischer Schiffsoffizier BGW/Fischerei")

uffiċjal tal-gverta, bastiment tat-tbaħħir mal-kosta ("Nautischer Schiffsoffizier BK/Fischerei")

fl-Olanda:

l-uffiċjal ewlieni/inġinier V ("stuurman werktuigkundige V")

inġinier IV (bastiment tas-sajd) ("werktuigkundige IV visvaart")

l-ufficjal ewlieni IV (bastiment tas-sajd) ("stuurman IV visvaart")

l-uffiċjal ewlieni/inġinier VI ("stuurman werktuigkundige VI")

li jirrapreżenta taħriġ:-

fil-Ġermanja:

ta' tul totali ta' bejn 14 u 18-il sena, inkluż kors ta' tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali bażiku u sena ta' servizz fuq il-baħar, segwiti minn sena jew sentejn ta' taħriġ vokazzjonali speċjalizzat, isupplementati, fejn xieraq, b' sentejn esperjenza ta' xogħol fin-navigazzjoni

fl-Olanda:

li jinvolvi kors li jvarja fit-tul bejn it-13 u l-15-il sena, li mill-anqas sentejn minnhom jiġu pprovduti fi skola ta' taħriġ vokazzjonali speċjalizzat, isupplementati b'perjodu ta' tnax-il xahar ta' esperjenza fuq ix-xogħol u li huma rikonoxxuti taħt il-Konvenzjoni Terrimolinos (Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Bastimenti tas-Sajd - 1977).

4. Settur tekniku

It-taħriġ għas-segwenti:

Fir-Repubblika Ċeka:

taħriġ għal:

tekniku awtorizzat, bennej awtorizzat ("autorizovaný technik, autorizovaný stavitel"), li jirrappreżenta taħriġ vokazzjonali ta' tul ta' mill-inqas 9 snin, li jinkludu 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika, li titkompla bil-"maturitní zkouška" (eżami ta' skola sekondarja teknika), 5 snin ta' esperjenza professjonali u konkluż bit-test għall-kwalifika professjonali għat-tkomplija ta' ċerti attivitajiet professjonali fil-kostruzzjoni (skond l-Att Nru. 50/1976 Sb. (l-Att dwar il-Kostruzzjoni) u l-Att Nru.360/1992 Sb.).

sewwieq ta' vettura fuq *track* ("Fyzická osoba řídící drážní vozidlo"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu mill-inqas 8 snin ta' edukazzjoni elementari u mill-inqas 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali li jitlestew bl-eżami "maturitní zkouška" u konklużi bl-eżami ta' l-Istat dwar is-saħħa motiva tal-vetturi.

track revision technician ("Drážní revizní technik") li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fi skola sekondarja tal-makkinarju jew ta' l-elettronika, li tispiċċa bl-eżami "maturitní zkouška".

għalliem tas-sewqan fit-triq ("Učitel autoškoly"), persuna ta' l-età ta' mhux inqas minn 24 sena; jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu mill-inqas 8 snin ta' edukazzjoni elementari u mill-inqas 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali li tiffoka fuq it-traffiku jew il-makkinarju li titkompla bl-eżami "maturitní zkouška".

tekniku ta' l-istat li jikkontrolla li vetturi bil-mutur huma tajba għat-triq ("Kontrolní technik STK"), persuna ta' l-età ta' mhux inqas minn 21 sena; jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali, li tispiċċa bl-eżami "maturitní zkouška", segwita mill-inqas b'sentejn ta' prattika teknika; il-persuna msemmija għandu jkollha liċenzja tas-sewqan u pedina nadifa u għandha tkun

għamlet it-taħriġ speċjali għat-tekniċi ta' l-Istat ta' tul ta' mill-inqas 120 siegħa kif ukoll tkun għaddiet l-eżami b'suċċess.

mekkanik għall-kontroll ta' emissjonijiet mill-vetturi ("Mechanik měření emisí"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu mill-inqas 8 snin ta' edukazzjoni elementari u mill-inqas 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali, li tispiċċa bl-eżami "maturitní zkouška; minbarra dan, l-applikant għandu jagħmel mill-inqas 3 snin ta' prattika teknika u taħriġ speċjali għal "mekkanik għall-kontroll ta' l-emissjonijiet mill-vetturi" ta' tul ta' 8 siegħat kif ukoll jgħaddi l-eżami b'suċċess.

boat master ta' Klassi I ("Kapitán I. třídy"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 15-il sena, li jinkludu 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 3 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali, li tispiċċa bl-eżami "maturitní zkouška", u li tikkulmina f'eżami kkonfermat minn ċertifikat ta' l-aptitudni. Din l-edukazzjoni vokazzjonali għandha tkun segwita b'4 snin ta' prattika vokazzjonali li jitlestew b'eżami.

restawratur ta' monumenti li huma snajja' għax-xogħolijiet ta' l-arti ("restaurátor památek, které jsou díly uměleckých řemesel"), li jirrappreżenta edukazzjoni ta' tul totali ta' 12-il sena jekk tinvolvi edukazzjoni kompleta sekondarja teknika fil-kors dwar ir-restawr, jew 10 sa 12-il sena ta' studju f'kors relatat, kif ukoll 5 snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni teknika sekondarja li titlesta bl-eżami ta' "maturitní zkouška", jew 8 snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni sekondarja teknika li tispicca l-eżami ta' l-apprentistat finali.

restawratur tax-xogħolijiet ta' l-arti li mhumiex monumenti u li jinżammu f'kollezzjonijiet f'mużewijiet u galleriji, u ta' oġġetti oħra ta' valur kulturali ("restaurátor děl výtvarných umění, která nejsou památkami a jsou uložena ve sbírkách muzeí a galerií, a ostatních předmětů kulturní hodnoty"), li tirrapreżenta edukazzjoni ta' tul totali ta' 12-il sena kif ukoll 5 snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni sekondarja teknika kompleta fil-kors tar-restawr li jispiċċa bl-eżami tal-"maturitní zkouška".

manager ta' l-iskart ("odpadový hospodář"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu mill-inqas 8 snin ta' edukazzjoni elementari u mill-inqas 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali li jitlestew bl-eżami "maturitní zkouška" u minimu ta' 5 snin ta' esperjenza fis-settur ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart fl-aħħar 10 snin.

manager tekniku ta' l-ibblastjar ("Technický vedoucí odstřelů"), li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali, li tispiċċa bl-eżami "maturitní zkouška", u segwita bi:

- sentejn bħala *shotfirer* taħt l-art (għall-attività taħt l-art) jew sena għal fuq wiċċ l-art (għall-attività fuq wiċċ l-art); inkluż 6 xhur bħala assistant shotfirer;

- il-kors ta' taħriġ ta' 100 siegħa ta' taħriġ teoretiku u prattiku segwit minn eżami quddiem l-Awtorità tal-Mini Distrettwali rilevanti;

- esperjenza professjonali ta' 6 xhur jew iżjed fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' xogħol kbir ta' l-ibblastjar;

- kors ta' taħriġ ta' 32 siegħa ta' taħriġ teoretiku u prattiku segwit minn eżami quddiem l-Awtorità tal-Mini Ċeka.

fl-Italja:

surveyor tal-bini ("geometra")

surveyor ta' l-art ("perito agrario"),

li jirrappreżenta korsijiet tekniċi sekondarji ta' tul totali ta' mill-anqas 13-il sena, li fihom tmien snin ta' skola mandatorja segwiti minn ħames snin ta' studji sekondarji, inkluzi tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali, li jwasslu għall-eżami tal-Baċellerat Tekniku, u supplementat:

(i) għall-*surveyors* tal-bini minn: jew kors ta' taħriġ li jdum mill-anqas sentejn f'uffiċju professjonali, jew ħames snin ta' esperjenza fuq ix-xogħol

(ii) għall-surveyors ta' l-art, bit-tkomplija ta' kors ta' taħriġ li jdum mill-anqas sentejn

segwiti mill-Eżami ta' l-Istat.

fil-Latvja:

taħriġ għal:

assistent għas-sewwieq tas-settur tal-ferrovija bil-magna ("vilces līdzekļa vadītāja (mašīnista) palīgs")

- persuna ta’ l-età ta’ mhux inqas minn 18 sena

li jirrappreżenta edukazzjoni li mill-inqas iddum għal 12-il sena, li jinkludu mill-inqas 8 snin ta' edukazzjoni elementari u mill-inqas 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali; taħriġ vokazzjonali li jispiċċa bl-ezami speċjali ta' min iħaddem; ċertifikat tal-kompetenza maħruġ mill-awtorità kompetenti għal 5 snin.

fl-Olanda:

marixxal tal-qorti ("gerechtsdeurwaarder")

dak li jagħmel il-prostesi dentali ("tandprotheticus")

li jirrappreżentaw kors ta' studju u taħriġ vokazzjonali:

(i) fil-każ ta' marixxal tal-qorti ("gerechtsdeurwaarder"), li jwassal għal 19-il sena, li fihom tmien snin ta' skola obligatorja segwiti minn tmien snin ta' edukazzjoni sekondarja inkluzi erba' snin ta' edukazzjoni teknika li jwasslu għal eżami ta' l-Istat u supplementati minn tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali teoretiku u prattiku

(ii) fil-każ ta' dak li jagħmel il-prostesi dentali ("tandprotheticus") idum totalment mill-anqas 15-il sena ta' taħriġ *full time* u tliet snin ta' taħriġ *part time*, li jkun fih tmien snin ta' edukazzjoni primarja, erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja ġenerali, it-tkomplija ta' tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali, li jinvolvu taħriġ teoretiku u prattiku bħala tekniku dentali, isupplementati bi tliet snin ta' taħriġ *part-time* bħala wieħed li jagħmel il-prostesi dentali, li jwasslu għal eżami.

fl-Awstrija:

dak li jindokra l-foresti ("Foerster")

konsultazzjoni teknika ("Technisches Buero")

kiri ta' ħaddiema ("UEberlassung von Arbeitskraeften - Arbeitsleihe")

agent ta' l-impjiegi ("Arbeitsvermittlung")

konsulent dwar l-investiment ("Vermoegensberater")

investigatur privat ("Berufsdetektiv")

għasssies tas-sigurtà ("Bewachungsgewerbe")

agent immobiljari ("Immobilienmakler")

mexxej immobiljari ("Immobilienverwalter")

organizzatur ta' proġetti ta' bini ("Bautraeger, Bauorganisator, Baubetreuer")

istitut tal-ġbir tad-dejn ("Inkassoinstitut")

li jirrappreżentaw edukazzjoni u taħriġ ta' tul totali ta' mill-anqas i5-il sena, li jkun fihom tmien snin ta' skola obligatorja segwiti minn minimu ta' ħames snin ta' studju sekondarju tekniku jew kummerċjali, li jwasslu għal eżami ta' maturita teknika jew kummerċjali, issupplementati b' mill-anqas sentejn ta' edukazzjoni u taħriġ fuq il-post tax-xogħol li jwasslu għal eżami professjonali

kunsulent ta' l-assikurazzjoni ("Berater in Versicherungsangelegenheiten")

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' total ta' 15-il sena, inklużi sitt snin ta' taħriġ segwiti ġo qafas ta' taħriġ strutturat, maqsum f'apprentistat ta' tliet snin tul u perjodu ta' tliet snin ta' prattika u taħriġ professjonali, li jwasslu għal eżami.

mgħallem tas-sengħa tal-bini/kalkolazzjoni ta' l-ippjanar u teknika ("Planender Baumeister")

mgħallem tas-sena tal-bini bl-injam/kalkolazzjoni ta' l-ippjanar u teknika ("Planender Zimmermeister")

li jirrappreżentaw edukazzjoni u taħriġ ta' tul totali ta' mill-anqas 18-il sena, inklużi mill-anqas disa' snin ta' taħriġ vokazzjonali maqsuma f'erba' snin ta' studju sekondarju tekniku u ħames snin ta' prattika u taħriġ professjonali li jwasslu għal eżami professjonali li jagħti d-drittijiet għall-eżerċitar tal-professjoni u li wieħed iħarreġ lill-apprentisti, sakemm dan it-taħriġ jirrigwarda d-dritt li jippjana l-bini, li jagħmel kalkolazzjonijiet tekniċi u li jissorvelja x-xogħol tal-kostruzzjoni ("il-privileġġ Maria Tereżjan").

Il-persuna li żżomm il-kotba kummerċjali ("Gewerblicher Buchhalter"), skond l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ, l-Artiġjanat u l-Industrija (Gewerbeordnung 1994)

Il-persuna li żżomm il-kotba independenti ("Selbständinger Buchhalter"), skond l-Att ta' l-1999 dwar il-Professjonijiet fil-qasam tal-Kontabilita' Pubblika (Bundesgesetz über die Wirtschaft Streuhardberufe 1999).

fil-Polonja:

taħriġ għal:

djanjostiku li jeżegwixxi t-testijiet għal jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajba għat-triq fi stazzjon tal-kontroll tal-vetturi fuq livell bażiku ("Diagnosta przeprowadzający badania techniczne w stacji kontroli pojazdów o podstawowym zakresie badań"), li jirrappreżenta 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 5 snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam tal-vetturi bil-mutur u 3 snin ta' prattika fi stazzjon ta' servizz jew f'garaxx, li jkopri 51 siegħa ta' taħriġ bażiku fil-kontroll ta' jekk il-vettura bil-mutur hijiex tajba għat-triq u li jgħaddi l-eżami tal-kwalifika.

diagnositician li jeżegwixxi t-testijiet għal jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajba għat-triq fi stazzjon tal-kontroll distrettwali ("Diagnosta przeprowadzający badania techniczne pojazdu w okręgowej stacji kontroli pojazdów"), li jirrappreżenta 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 5 snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam tal-vetturi bil-mutur u 4 snin ta' prattika fi stazzjon ta' servizz tal-vetturi jew f'garaxx, li jkopri 51 siegħa ta' taħriġ bażiku fil-kontroll ta' jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajba għat-triq u li jgħaddi l-eżami tal-kwalifika.

djanjostiku li jeżegwixxi t-testijiet għal jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajba għat-triq fi stazzjon tal-kontroll ("Diagnosta wykonujący badania techniczne pojazdów w stacji kontroli pojazdów "), li jirrappreżenta:

8 snin ta' edukazzjoni elementari u 5 snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam tal-vetturi bil-mutur u 4 snin ta' prattika bi prova fi stazzjon ta' servizz tal-vetturi jew f'garaxx; jew
8 snin ta' edukazzjoni elementari u 5 snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika f'qasam minbarra dak ta' l-ispeċjalizzazzjoni tal-vetturi bil-mutur u 8 snin ta' prattika bi prova fi

stazzjon ta' servizz tal-vetturi jew f'garaxx, li jkopri total ta' 113 siegħa tat-taħriġ komplet inkluż it-taħriġ bażiku u speċjalizzat, b'eżamijiet wara kull stadju.

Id-dewmien f'siegħat u l-iskop ġenerali tal-korsijiet partikolari fil-qafas tat-taħriġ komplet għal djanjostiku, huma speċifikati separatament fir-Regolament tal-Ministru ta' l-Infrastruttura tat-28 ta' Novembru 2002 dwar il-ħtiġiet dettaljati fir-rigward tad-djanjostiċi (ĠU L ta' l-2002, Nru. 208, oġġett 1769).

dispatcher tal-ferrovija ("Dyżurny ruchu"), li jirrappreżenta 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni vokazzjonali, bi speċjalizzazzjoni fit-trasport bil-ferrovija, kif ukoll kors li jipprovdi preparazzjoni għal xogħol bħala *dispatcher* tal-ferrovija għal 45 ġurnata u li jgħaddi l-eżami tal-kwalifika, jew li jirrappreżenta edukazzjoni elementari ta' 8 snin u 5 snin ta' edukazzjoni vokazzjonali sekondarja, bi speċjalizzazzjoni fit-trasport bil-ferrovija, kif ukoll kors li jipprovdi preparazzjoni għal xogħol bħala *dispatcher* tal-ferrovija għal 63 ġurnata u li jgħaddi l-eżami tal-kwalifika.

5. Korsijiet tar-Renju Unit akkreditati bħala Kwalifiki Vokazzjonali Nazzjonali jew Kwalifiki Vokazzjonali Skoċċiżi

Taħriġ għal:

"inġinier elettriku tal-minieri" ("mine electrical engineer")

"inġinier mekkaniku tal-minieri" ("mine mechanical engineer")

"terapista dentali" ("dental therapist")

"iġienista tas-snien" ("dental hygienist")

"bejjiegħ ta' l-ottika" ("dispensing optician")

"deputat tal-minieri" ("mine deputy")

"prattikant fil-fallimenti" (insolvency practitioner)

"wieħed liċenzjat li jipprepara t-trasferimenti" ("licensed conveyancer")

"l-uffiċjal ewlieni - vapuri tal-merkanzija/passiġġieri ("first mate - freight/passenger ships") - bla restrizzjoni"

"it-tieni uffiċjal - vapuri tal-merkanzija/passiġġieri ("second mate - freight/passenger ships") - bla restrizzjoni"

"it-tielet uffiċjal - vapuri tal-merkanzija/passiġġieri ("third mate - freight passenger ships") bla restrizzjoni"

"uffiċjal tal-gverta - vapuri tal-merkanzija/passiġġieri ("deck officer - freight/passenger ships") - bla restrizzjoni"

"uffiċjal inġinier - vapuri tal-merkanzija/passiġġieri ("engineer officer - freight/passenger ships ") - żona ta' negozju bla limitu"

persuna ċċertifikata bħala teknikament kompetenti fl-immanniġġar ta' l-iskart ("certified technically competent person in waste management")

infermier veterinarju elenkat ("listed veterinary nurse")

li jwasslu għal kwalifiki akkreditati bħala Kwalifiki Nazzjonali Vokazzjonali (NVQ) jew, fl-Iskozja, akkreditati bħala Kwalifiki Vokazzjonali Skoċċiżi, fil-livelli 3 u 4 fl-Istruttura Nazzjonali tal-Kwalifiki Vokazzjonali tar-Renju Unit.

Dawn il-livelli huma definiti kif ġej:

- Livell 3: kompetenza f'medda vasta ta' attivitajiet ta' xogħol imwettqa f'varjeta' wiesgħa ta' kuntesti u li l-maġġor parti tagħhom huma komplessi u mhux ta' rutina. Hemm responsabbiltà u awtonomija konsiderevoli, u l-kontroll u l-iggwidar ta' l-oħrajn huwa meħtieġ ta' sikwiet.

- Livell 4: competenza f'medda vasta ta' attivitajiet ta' xogħolijiet kumplessi, tekniċi jew professjonali mwettqa f'medda wiesgħa ta' kuntesti u bi grad sostanzjali ta' resposabbilta' u awtonomija personali. Responabbiltà għax-xogħol ta' l-oħrajn u l-allokazzjoni tar-riżorsi hija preżenti ta' sikwiet.